MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 164/2009

Is-soċjetà estera Ponco Pacific Pte Singapore Ltd ta’ 10 Anson
Road #12-14, International Plaza, Singapore, 079903, irreġistrata ġewwa Singapore kif rappreżentata hawn Malta mill-Avukat Dottor David Gonzi K.I. 551078M bħala mandatarju speċjali tal-istess kumpannija

vs

L-Avukat Dottor Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer b’digriet tat-12 ta’ Marzu, 2009 nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw il-bastiment ‘DELTA QUEEN’ irreġistrat f’ Limassol, Ċipru, u bin-numru uffiċjali IMO 8756112, qabel magħruf bħala ‘West Titania’ proprjetà tas-soċjetà Seawolf Oilfield Cyprus Limited (5384240)

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjeta’ estera attrici fl-20 ta’ Frar, 2009, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :
Illi il-kumpannija Ponco Pacific Pte Singapore Ltd wettqet servizzi għall-konvenut, u ċioè fuq il-bastiment “*platform*” bl-isem “DELTA QUEEN” irreġistrat f’ Limassol, Ċipru, illi jġib numru uffiċjali tal-IMO 8756112, qabel magħruf bħala “West Titania”, liema xogħlijiet kienu jinkludu *inter alia* l-operazzjoni, l-immaniġġjar, it-tiswija, il-preservazzjoni, iż-żamma u l-manutensjoni tal-istess bastiment, l-ekwipaġġar tal-bastiment kif ukoll spejjeż ančillari u relatati ma’ tali servizzi u servizzi oħra.

Illi dawn is-servizzi reżi huma deskritti kemm permezz tar-rendikont anness ma’ dan ir-rikors ġuramentat u mmarkat ‘DG1’ kif ukoll permezz tal-kopji tal-fatturi relativi, hawn annessi u rispettivament markati minn ‘DG2’ sa ’DG31’.

Illi dawn is-servizzi ammontaw b’kollox għas-somma ta’ mitejn u wieħed u tmenin elf u mitt Dollaru Amerikan u tmienja u ħamsin ċenteżmu (USD 281,100.58) ekwivalenti fl-20 ta’ Novembru, 2008 għas-somma ta’ mitejn u sittax – il elf, mitejn u wieħed u tletin Ewro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€216,231.22).

Illi, għalkemm saru diversi interpellazzjonijiet, dana l-ammont baqa’ ma tħallasx, u allura il-kumpannija Ponco Pacific Pte Singapore Ltd, tramite il-mandatarju tagħha preċedenti l-Avukat Dottor Antoine Cremona, ippreżentat mandat ta’ qbid numru 1832/08 kif ukoll mandat ta’ impediment ta’ tluq ta’ bastiment numru 1833/08 kontra il-bastiment illum konvenut, u dana fl-20 ta’ Novembru, 2008.

Illi kien biss wara illi ġew ippreżentati, awtorizzati u eżegwiti dawn il-mandati illi tħallset lill-kumpannija Ponco Pacific Pte Singapore Ltd is-somma ta’ mitejn u sebgħa u tletin elf, sitt mija u sitta u erbgħin Dollaru Amerikan u wieħed u tletin ċenteżmu (USD 237,646.31) nhar il-25 ta’ Novembru, 2008.

Illi tali ħlas kien jeżawdixxi biss parzjalment l-ammont dovut.

Illi il-bank HSBC Bank Malta p.l.c. konsegwenti għal talba tal-konvenut irrilaxxa fis-26 ta' Novembru, 2008 garanzija bankarja numru 8820081903 fl-ammont ta' ħamsa u erbgħin elf Dollaru Amerikan (USD45,000). Kopja tal-garanzija hija annessa bħala dokument 'DG33'.

Illi fis-27 ta' Novembru, 2008, ġew maħruġa il-kontromandati relativi għall-mandati fuq dettaljati, però il-partijiet, peress illi kienu għaddejjin trattativi bejniethom, qablu u effettivament estendew permezz ta' noti ta' estensjoni, it-terminu għall-preżentata tal-preżenti kawża sal-lum.

Illi illum jirriżulta illi għadu jeżisti, bilanċ dovut fl-ammont ta' tlieta u erbgħin elf, erba' mija u erbgħa u ħamsin Dollaru Amerikan u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (USD 43,454.27), ekwivalenti illum għas-somma ta' erbgħa u tletin elf, erba' mija u tmienja u sittin Ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€34,468.39) għal servizzi reżi kif deskritt.

Illi il-konvenut, għalkemm kemm –il darba ulterjorment interpellat, u minkejja it-trattattivi illi saru bejn il-partijiet, baqa' ma ħallasx, u għalhekk kellha issir din il-kawża.

Talbet ghalhekk li il-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi il-konvenut huwa debitur tal-attur nomine fis-somma ta' erbgħa u tletin elf, erba' mija u tmienja u sittin Ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€34,468.39) illum ekwivalenti ghal tlieta u erbgħin elf, erba' mija u erbgħa u ħamsin Dollaru Amerikan u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (USD 43,454.27) għal servizzi reżi lilu kif fuq dettaljat;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur nomine is-somma ta' erbgħa u tletin elf, erba' mija u tmienja u sittin Ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€34,468.39) illum ekwivalenti ghal tlieta u erbgħin elf,

erba' mija u erbgħa u ħamsin Dollaru Amerikan u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (USD 43,454.27) ghar-raġunijiet fuq dettaljati.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' qbid numru 1832/08 kif ukoll tal-mandat ta' impediment ta' tluq ta' bastiment numru 1833/08 u bl-imgħax kummerċjali mid-data ta' meta ingħataw is-servizzi rispettivi u dana sad-data tal-ħlas tal-effettiv pagament kontra il-konvenut illi ir-rappresentanti tiegħu huma minn issa inġunti in subizzjoni.

B'riżerva speċifika għal kull azzjoni oħra illi tista' tittieħed mill-attriċi, inklużi *inter alia* imma mhux biss talbiet għal rifużjoni ta' danni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati Dr Patrick Valentino u PL Hilda Ellul Mercer, li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero jirrizervaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern;

Rat in-nota tat-3 ta' Settembru 2009 ta' l-Avukat David Gonzi nomine, bid-dokumenti maghha annessi;

Rat l-affidavit ta' Robin Pho Yang Foong, direttur tas-socjeta' estera attrici;

Rat id-dokumenti annessi mal-fuq imsemmi affidavit;

Rat l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Peress illi s-socjeta' attrici ippruvat illi l-bastiment konvenut ghandu jhallasha is-somma minnha mitluba, u fin-nuqqas ta' provi da parti tal-bastiment konvenut;

Taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet kollha attrici u, fir-rigward tat-tieni talba attrici tikkundanna lill-bastiment konvenut sabiex ihallas lill-attur nomine is-somma ta’ erbgha u tletin elf, erba’ mija u tmienja u sittin ewro u disgha u tletin cetnezmu (€34,468.39), ekwivalenti fid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat odjern ghal tlieta u erbghin elf, erba’ mija u erbgha u hamsin dollaru amerikan u sebgha u ghoxrin centezmu (US $ 43,454.27).

Bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra l-bastiment konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------